MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 98/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Lulju 1995 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b’kuntratt redatt quddiem in-Nutar Dr Bartolomeo Micallef mill-11 ta’ Dicembru 2001 (Dok. SZ1), u sussegwentement kien hemm addenda ghal dan l-imsemmi kuntratt li qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok SZ2;

Illi m'hemm l-ebda prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi r-rikorrent obbliga ruhu li jhallas manteniment ta' sittin lira Maltin fix-xahar ghall-bintu minuri Jessica u dan kif hemm provdut fil-klawsola numru 3 tal-kuntratt imsemmi, liema manteniment ghadu jghaddi sa illum;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artiklu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u qatt ma deher ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment

separati b'kuntratt redatt minn Nutar Bartolomeo Micallef mill-11 ta' Dicembru 2001;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------